DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1101

tad-19 ta' Ġunju 2017

li taħtar president ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 166(1) tiegħu,

Billi fl-1 ta' Diċembru 2016, ġiet ippreżentata lill-Kunsill mill-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju lista ta' kandidati għall-kariga ta' president ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("l-Uffiċċju"),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Sven STÜRMANN, imwieled f'Bonn (il-Ġermanja) fl-20 ta' Novembru 1971, huwa b'dan maħtur President ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għal mandat ta' 5 snin.

Id-data li fiha għandu jibda l-mandat ta' 5 snin imsemmi fl-ewwel paragrafu għandha tiġi ddeterminata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

J. HERRERA

[1] ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1.